ADPD – The Green Party
P.O. Box 38, Marsa, MTP1001, Malta
51, Triq Isouard, Marsa, MRS2019, Malta

info@adpd.mt adpd.mt

**Ref AX/23/1**

**Awtorità tax-Xandir**
**CEO: Dr Joanna Spiteri**
**Triq Mile End**
**Blata l-Bajda**

**8 ta' Marzu 2023**

**Suġġett: ksur tal-obbligu kostituzzjonali tal-imparzjalità**

Dr Spiteri,

Nikteb biex niġbed l-attenzjoni tal-Awtorità tax-Xandir dwar il-fatt li l-istazzjonijiet politiċi, jiġifieri dawk ġestiti mill-Partit Nazzjonalista u l-Partit Laburista, kemm ir-radju kif ukoll it-televizjoni, repetutament jinjoraw dak li ngħidu u nagħmlu aħna bħala partit politiku.

In partikolari dawn jinjoraw repetutament il-pronunzjamenti politiċi tagħna. Dan isir kontinwament. L-aħħar darba li dan seħħ kien fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet meta minkejja li kienu mistiedna (kif nagħmlu dejjem) għal konferenza tal-aħbarijiet ma attendewx. Apparti dan, meta irċevew stqarrija bl-informazzjoni dwar dak li ntqal fil-konferenza tal-aħbarijiet injorawha u ma xandru xejn.

Dan imur kontra l-obbligu tal-imparzjalità li kull servizz tax-xandir f'Malta għandu l-obbligu li jsegwi.

F'kawża kostituzzjonali deċiża ftit tal-ġranet ilu, nhar is-27 ta' Frar 2023, il-Qorti Kostituzzjonali kellha l-opportunità li tippronunzja ruħha dwar dan u qalet li:

> " **...... minn qari tal-Artikolu 119 (1) tal-Kostituzzjoni jirriżulta b'mod ċar li din il-ħtieġa ta' imparzjalità fix-xandir tapplika fir-rigward ta' kull servizz ta' xandir provdut f'Malta, kemm pubbliċi u kemm privati, u mingħajr limitazzjoni ......** " . (rikors 73/22/1 : *Partit Nazzjonalista vs Awtorità tax-Xandir et,* deċiż 27 ta' Frar 2023)

Kemm jien kif ukoll esponenti oħra tal-partit politiku li jiena mmexxi, diversi drabi ġbidna l-attenzjoni tal-Awtorità tax-Xandir dwar dan, imma, repetutament dak li għidna waqa' fuq widnejn torox.

Fid-dawl tal-pronunzjament hawn fuq indikat da parti tal-Qorti Kostituzzjonali qiegħed għaldaqstant mill-ġdid nitlob lill-Awtorità tax-Xandir tieħu l-passi meħtieġa biex ir-rappurtaġġ tal-aħbarijiet tal-istazzjonijiet politiċi fil-konfront tal-ADPD josserva l-obbligu ta' imparzjalità kif speċifikat fl- artiklu 119(1) tal-Kostituzzjoni.

Għaldaqstant qed nistenna li l-Awtorità tax-Xandir bla wisq dewmien toħroġ id-direttivi meħtieġ biex b'hekk tirrimedja s-sitwazzjoni.

**Carmel Cacopardo**
**Chairperson**